MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 124/1998/1

Salvu Attard

Vs

Salvu sive Sammy Camilleri

Permezz ta' avviz prezentat fid-29 ta' Ottubru 1998, l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) bilanc minn somma akbar, prezz ta' ziemel (pony) li biegh lill-konvenut.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-1 ta' Dicembru 1998, il-konvenut[1] oppona t-talba ghal dawn ir-ragunijiet:-

(a) L-avviz huwa null ghaliex l-ammont pretiz huwa allegat kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk kellha tharrek ukoll il-mara jew tigi osservata l-procedura kontemplata fil-Kap. 12.

[1] Fol. 4.

(b) Illi t-talba tal-attur hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap. 16).
(c) Illi bla pregudizzju l-ammont m'huwiex dovut.

Rat l-atti tal-kawza fosthom ir-relazzjoni li pprezenta l-espert kalligrafu li tinsab a fol. 56 u 57 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2007 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat :-

1. Din hija kawza dwar hlas ta' bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' ziemel li l-konvenut xtara minghand l-attur. L-ammont pretiz huwa ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55). Il-prezz taz-ziemel kien, skond l-attur ta' tlett mija u tletin lira Maltija (Lm330) u skond il-konvenut tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm325). Kawza li damet iktar minn tmien snin u nofs quddiem il-Qrati u fiha saru hafna spejjez u telf ta' zmien bla bzonn.

2. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, din hija ghal kollox infondata. Il-fatt li l-kawza ma ssirx mill-mizzewgin ma tissarrafx fin-nullita' ta' l-avviz. Bhala kreditur tal-konvenut, l-attur kellu kull jedd li jintavola kawza ghall-hlas tal-kreditu li jippretendi li ghandu kontra l-konvenut.

3. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili, din ukoll tirrizulta li hija nfondata. Mill-atti jidher li fl-4 ta' Ottubru 1997 (jew f'dawk il-granet) kien sar pagament fl-ammont ta' tletin lira Maltija (Lm30)[2]. Il-kawza giet intavolata fid-29 ta' Ottubru 1998 u ghalhekk certament li l-preskrizzjoni giet interrotta. Din l-eccezzjoni ser tigi wkoll michuda.

[2] Ara fol. 13-14.

4. Min-naha tieghu l-konvenut esebixxa sitt (6) ricevuti permezz ta' nota prezentata fis-17 ta' Gunju 1999 (fol. 6), u li jsostni li huma r-ricevuti li kien jaghtih l-attur kull meta sar hlas akkont. Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2007 il-konvenut xehed li dawk ir-ricevuti nkitbu minn mart l-attur. Kemm l-attur u martu cahdu li dawk l-ircevuti saru minnhom. Il-Qorti nkarigat lill-espert kalligrafu Ivan Formosa li rrelata :-

*'L-esponent huwa tal-opinjoni li fuq l-ircevuti hemm indikazzjonijiet ta' hesitation effects li huma distinti mill-effetti attribwiti max-xjuhija. Infatti* ***l-esponent huwa tal-opinjoni li l-kitba fuq l-ircevuti dokumentati minn A sa F saru kollha minn Camilleri Saviour k/a Sunny li ghandu numru tal-karta ta' l-identita' 16057G.*** *Din l-opinjoni hija bbazata fuq il-komparazzjoni mal-kampjun tal-firma tieghu waqt is-seduta u dik il-firma li tinsab fuq il-karta ta' l-identita'. Din l-opinjoni hija wzat bhala gwida il-proceduri addottati mill-FBI w li jinsabu annessi ma' din ir-relazzjoni bhala riferenza ghal kriterji applikatti'*[3].

Anke mid-daqqa ta' ghajn jidher li meta wiehed jaghmel paragun bejn il-firma Salvu Attard li tidher fuq dawn ir-ricevuti u fuq il-kopja tal-karta ta' l-identita ta' l-istess Salvu Attard (fol. 58), hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg firem. Ghalkemm fuq talba tal-konvenut saret perizja perizjuri (fol. 86) wara r-rapport ta' Ivan Formosa, il-konvenut irrifjuta li jhallas lill-perit kalligrafu Martin Bajada (ara verbal a fol. 128) id-dritt intaxxat mir-Registratur tal-Qorti fl-ammont ta' erbgha u disghajn lira Maltija u wiehed u disghajn centezmu (Lm94.91). Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tipprocedi biex tiddecidi l-kawza fuq il-provi li jifformaw parti mill-atti processwali u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 670 tal-Kap. 12 mhux ser tqies bhala prova l-perizja li saret mill-perit tekniku Martin Bajada. Ghalkemm huwa minnu li opinjoni teknika hija biss prova u l-Qorti m'hijiex marbuta biha kontra l-konvinciment taghha stess[4], il-konvenut ma ressaq l-ebda prova jew argument biex jirribatti l-opinjoni teknika espressa mill-perit kalligrafu Ivan

[3] Pagna 57.
[4] Art. 681 tal-Kap. 12.

Formosa. Filwaqt li nghata l-opportunita’ u z-zmien kollu sabiex jikkontesta r-rapport, il-konvenut irrifjuta li jhallas it-tieni rapport.  Fic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tiskarta l-fehma tal-perit kalligrafu Ivan Formosa li kkonkluda li r-ricevuti ma nkitbux mill-attur jew il-mara tieghu, imma sahansitra mill-konvenut. F’dan il-kwadru t-tezi tal-konvenut titlef ghal kollox kredibilita’, u tibqa’ l-verzjoni tal-attur li fil-fehma tal-Qorti hija kredibbli. Ghalkemm kemm l-attur u martu xehedu li l-konvenut kien jinghata ricevuta kull meta ghamel hlas akkont, mill-provi rrizulta li l-ircevuti li gew prezentati mill-konvenut m’humiex dawk li gew rilaxxati mill-kreditu. Min jallega l-pagament ghandu l-oneru li jaghti l-prova li l-obbligazzjoni giet estinta bil-hlas. Ghalkemm huwa minnu li, *‘….l-prova ta’ pagament ta’ debitu tista’ tinghata mhux biss b’ricevuti li, b’certa finalita’ jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista’ tingieb ukoll b’mezzi ohra. Fl-assenza ta’ ricevuti, pero’, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f’mohh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-kreditur originali ikun gie nieqes’* (Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Zammit vs Emanuele Galea et** deciza fis-27 ta’ Frar 2003), ix-xhieda tal-konvenut ma tikkonvinci xejn u anzi l-provi juri li huwa pprezenta dokumenti falsifikati fit-tentattiv tieghu biex jikkorabora l-verzjoni tieghu li hallas id-dejn kollu. F’dan ix-xenarju l-verzjoni moghtija mill-konvenut ma tistax titwemmen u certament ma jistax jinghad li l-konvenut irnexxielu jaghti prova tal-hlas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha moghtija mill-konvenut, tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55).

Spejjez kontra l-konvenut u b’rizerva ghal kwalsiasi dritt spettanti lill-perit kalligrafu Martin Bajada kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------